**97. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali ppropona:-**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu japplika għall-kumplament ta' din is-sessjoni tal-parlament;

(a) Illi l-Kamra tista' tiltaqa' fil-ġranet tal-ġimgħa mit-Tnejn sas-Sibt u fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta fil-għodu u oħra fil-għaxija;

(b) Illi f'każ ta' seduta fil-għodu din għandha tibda fid-9.00 a.m. u l-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30 a.m.; u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun f'nofsinhar u l-aġġornament ma jiħux aktar minn nofs siegħa;

(c) Illi f'każ ta' seduta fil-għaxija, din għandha tibda fis-6.00 p.m. u l-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-6.30 p.m.; u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.00 p.m. u l-aġġornament ma jiħux aktar minn nofs siegħa;

(d) Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm fil-għodu, u/jew fil-għaxija, għandu japplika dak li hemm kontemplat fl-Ordni Permanenti 8(2) bl-alternanza bejn seduta u oħra daqs li kieku kienu seduti fi ġranet differenti;

(e) Illi matul din il-Leġislatura, l-Ordni Permanenti Numru 25 u l-Ordni Permanenti Nru 107, jiġu sospiżi flimkien ma' kull provvedimenti oħra ta' l-Ordnijiet Permanenti li jmorru kontra din is-sospensjoni.

04.10.1999